MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 206/2008

**A B**

**vs**

**C (G) B**
**U**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**
**U**
**M W permezz ta' nota accettat li tidhol kuratrici sabiex tirraprezenta lill-minuri K B u giet konfermata b'digriet tal-5 ta' Gunju, 2008.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi il-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena 1988 fil-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes, Paola, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg market Dok. A.
2. Illi l-partijiet huma ilhom separati *de* facto ghal bosta snin.
3. Illi fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena 1995 twieled il-minuri K, liema minuri gie registrat bhala l-wild naturali ta' l-attur, hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni erbgha, tmienja, wiehed, erbgha zbarra wiehed, disgha, disgha, hamsa (4814/1995) hawn anness u markat Dok. B.
4. Illi l-minuri K mhuwiex l-iben natuali ta' l-attur.
5. Illi l-attur ma jridx illi jibqa` jigi indikat bhala l-missier il-minuri K.
6. Illi l-attur lest li jissottometti ruhu ghal kull ezami xjentifiku sabiex jigi stabbilit illi huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri K.

Talab ghar-ragunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-minuri K li twieled fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena 1995 bin-numru ta' iskrizzjoni 4814/1995 mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur;
2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri fis-sens illi fil-kolonni li jispecifikaw id-dettalji dwar l-attur fl-att tat-twelid, jigu mnizzla l-kliem **missier mhux maghruf**.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi in linea preliminari fl-ewwel lok ir-rikors guramentat tal-attur huwa null u dan ai termini tal-ewwel proviso tal-artikolu 73 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi l-minuri K twieled fit-12 ta' Novembru 1995 u ghalhekk l-azzjoni hi preskritta;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza;
4. Illi l-partijiet ilhom mizzewgin mill-4 ta' Marzu 1988 u ghandhom tlett itfal MN u K B;
5. Illi l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti u ilhom separati de facto ghal snin twal;
6. Illi l-minuri K illum il-gurnata ghandu 12-il sena u l-konvenuta qed issib ruhha ixxukjata bil-kawza odjerna;
7. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda stante li huma nfodnati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta waqt il-kawza;
8. Illi mhemm l-ebda dubju li l-attur huwa missier il-minuri;

Bl-ispejjez kontra l-attur;

Salv Eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C G B;

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku , li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrent irid jitlob awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ikun jista' jipprocedi b'azzjoni ta' denegata paternita ai termini tal-proviso ta' l-Artikolu 73 tal-Kap 16 stante li l-minuri in kwistjoni twieled fit-12 ta' Novembru 1995.

2. Illi preliminarjament ukoll, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kliem *“the said”* jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta’ l-omm.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jekk t-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li r-rikorrent jirregola ruhu fir-rigward tal-kunjom tat-tarbija u dan ai termini tat-tieni proviso ta’ l-Artikolu 73 tal-Kap 16.

5. Illi l-esponent jirrileva li r-rikorrent stess kien id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni.

6. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant ghandu x’jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, l-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat is-sentenza taghha tal-25 ta’ Mejju 2010;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ta’ denegata paternita’ *stante* li l-attur jikkontendi li ghalkemm huwa zzewweg lill-intimata C B fis-sena 1988, il-partijiet isseparaw *de facto* u ilhom f’dan l-istat ghal diversi snin. Sussegwentement, l-istess intimata welldet tarbija bl-isem ta’ K, liema wild gie registrat fuq isem l-istess attur, minkejja li hu jikkontendi li mhux il-missier naturali tal-istess wild. Ghalhekk, l-attur, permezz ta’ din il-kawza, qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-istess minuri mhuwiex il-wild naturali tieghu u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u minflok jitnizzel missier mhux maghruf.

Illi l-Qorti tirrileva li l-ewwel zewg eccezzjonijiet mressqa mill-intimata C B kif ukoll l-ewwel eccezzjoni mressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku gew sorvolati permezz ta’ sentenza preliminari datata 25 ta’ Mejju 2010 u li permezz taghha din il-Qorti hekk kif diversament preseduta iddecidiet li fic-cirkustanzi u partikolarment in vista tal-htiega tal-ekonomija tal-gudizzju u tal-fatt li huwa fl-interess suprem tal-minuri illi jkollu certezza malajr kemm jista’ jkun dwar il-paternita’ tieghu, laqghet it-talba tar-rikorrent fejn talab lill-Qorti sabiex ikun jista’ jissokta bil-kawza odjerna bl-ispejjez ghall-istess rikorrent.

Fin-nuqqa ta’ eccezzjonijiet ta’ natura preliminari, jifdal ghalhekk biss li jigi deciz il-meru tal-kaz odjern.

## **<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Permezz tar-rikors guramentat tieghu, l-attur jikkontendi li ghalkemm il-minuri K twieled nhar it-12 ta’ Novembru 1995[1], liema wild gie registrat fiz-zwieg bejnu u bejn l-intimat C B, fil-verita’ l-istess wild m’huwiex il-wild naturali tieghu. Din il-Qorti taghmel referenza ghad-diversi rikorsi u tentattivi li jirrizultaw mill-atti li kienu b’xi mod jew iehor intizi sabiex it-test tad-DNA ma jsirx izda jidher li anke din il-kwistjoni giet sorvolata tant li esebit in atti hemm ir-rizultat tal-istess rapport li jikkonferma t-tezi tal-istess attur

[1] Ara c-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol 5 tal-process

u cioe' li l-wild K mhux il-wild naturali tieghu. Dwar dan il-Qorti m'ghandha ebda ombra ta' dubju *stante* li r-rizultat tat-testijiet genetici huma prova li twassal ghal certezza ta' 99.99% f'kaz li r-rizultat ikun posittiv u 0% f'kaz li jkun hemm rizultat negattiv, kif inhu fil-kaz odjern. Ghalhekk ma jista' qatt ikun hemm xi dubju dwar il-fatt li l-attur mhux il-wild naturali tal-attur.

Gialadarba ma hemm ebda dubju dwar il-paternita' tal-minuri K u dan minkejja li l-partijiet ma ressqux il-verzjonijiet guramentati taghhom peress illi l-Qorti thoss li t-testijiet tad-DNA jitkellmu wahedhom dwar il-veru paternita' tal-istess wild), allura ma tarax ghaliex m'ghandux ikun hemm bdil fic-certifikat tal-istess wild biex dan jirrispekkja l-verita'.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri K li twieled fit-12 ta' Novembru 1995 m'huwiex il-wild naturali tal-attur;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid tal-istess minuri sabiex fil-kolonni li jispecifikaw id-dettalji tal-attur jigu mnizzla l-kliem missier mhux maghruf.

Bl-ispejjez kontra l-intimata C B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------